**2 ta' Frar, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Ignazio Gatt

*versus*

Michael Debono *et*

**Eċċezzjoni *ex officio* – Prinċipju ta' "*Audi Alteram Partem*" u "*Nemo Judex In Causa Propria*"**

*Skond il-prinċipji tal-Ġustizzja l-ebda Qorti m'għandha d-dritt li tissolleva eċċezzjonijiet "ex officio" ħlief dawk li l-liġi stess timponi fuqha bħala dover, li huwa dejjem konness ma' xi kwistjoni ta' l-ordni pubbliku, bħal ma huwa l-problema ta' ġurisdizzjoni jew kompetenza.*

*Meta l-Qorti tissolleva eċċezzjonijiet li mhumiex ordnati mil-liġi dan l-eżerċizzju jfisser li l-Qorti ma tibqax ekwidistanti bejn il-partijiet u tkun qed tikser bl-aktar mod pależi l-prinċipju ta' "audi alteram partem", kif ukoll prinċipju ieħor tal-Ġustizzja li huwa "nemo judex in causa propria" għaliex naturalment il-Qorti tkun tissolleva eċċezzjoni hija u tiddeċidiha hija stess.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Iċ-ċitazzjoni u l-eċċezzjonijiet huma diġa riprodotti fis-sentenzi tat-18 ta' Marzu 1980 u tat-12 ta' Diċembru 1983, l-ewwel waħda ta' din il-Qorti diversament presjeduta u l-oħra ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

In suċċint, l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li ma kienx veru dak li allegaw il-konvenuti fis-sens li hu ħa indebitament l-inġotti ta' l-istann mill-fabbrika tal-*Medcor Radiators Ltd.* u l-konvenuti da parti tagħhom irribattaw illi kien veru li l-attur kien serjament sospettat u indiċjat, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u l-konvenuti da parti tagħhom irribattaw illi kien veru li l-attur kien serjament sospettat u indiċjat, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, għan-nuqqasijiet li sabet il-kumpanija:

1. Din il-Qorti diversament presjeduta, bis-sentenza tagħha imsemmija qalet hekk:

"...... huwa kompitu tal-Qorti li tara li meta tiġi msejħa

biex teżerċita l-funzjonijiet tagħha dan ikun fil-limiti u kompetenza tagħha u għalhekk issollevat *ex officio* l-kwistjoni ta' l-interess ta' l-attur li jipproponi din l-istanza'';

u ddeċidiet il-kawża billi qalet:

''It-talba attriċi hija nsostenibbli billi jonqos l-interess ġuridiku li huwa indipensabbli għall-proponibbilità ta' kull istanza'';

2. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1983, qalet:

''.....il-Qorti tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija inkwantu ċaħdet it-talba attriċi u tibgħat lura l-atti ta' dan il-proċess lill-ewwel Qorti għas-smigħ tal-provi dwar l-eżistenza o meno ta' l-interess ġuridiku fl-attur appellant u eventwali deċiżjoni ta' din il-kwistjoni kif ukoll okkorrendo, għall-kwalunkwe provi u deċiżjoni oħra skond il-liġi'';

3. Meta l-kawża ġiet rimessa lil din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-3 ta' Ġunju 1985, ġie nominat Dr Mark Said, bħala Perit Ġudizzjarju u dan fis-26 ta' Mejju 1989, minħabba li ġie assunt bħala avukat fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, ġie sostitwit bl-avukat Dr Tonio Farrugia. Dan ippreżenta r-rapport tiegħu u ħalfu fis-27 ta' Ottubru 1989;

4. Din il-Qorti, kif presjeduta, hija, fuq kwistjonijiet bażiċi ta' prinċipju, kostretta li tvarja sensibbilment l-approċċ li ttieħed s'issa, fil-kawża:

(a) l-ewwelnett il-kwistjoni li *tirrigwarda* l-*pretensjoni* li l-Qorti għandha d-dritt li tissolleva *"ex officio"* kull kwalità ta' eċċezzjoni, li l-partijiet ma jkunux addottaw;

(b) Din il-Qorti hija tal-fehma li skond il-prinċipji tal-Ġustizzja l-ebda Qorti m'għandha d-dritt li tissolleva eċċezzjonijiet *"ex officio"* ħlief dawk *li l-liġi stess timponi fuqha* bħala dover. Anzi, jidhrilha li meta l-liġi timponi dak id-dover, dan huwa dejjem konness ma xi kwistjoni ta' l-ordni pubbliku, bħal ma huwa l-problema ta' ġurisdizzjoni jew kompetenza;

Huwa ċar li meta l-Qorti tissolleva eċċezzjonijiet li mhumiex ordnati mil-liġi, dan l-eżerċizzju jfisser li l-Qorti ma tibqax ekwidistanti bejn il-partijiet, iżda, anzi, issir parti hija stess u *tiġi in* kontestazzjoni ma' **waħda** mill-partijiet. Difatti biex din il-konsegwenza tiġi taparsi evitata, il-Qorti ħafna drabi tissolleva dawn l-eċċezzjonijiet *"ex officio"* fis-sentenza tagħha, u l-parti li kontra tagħha *dik* l-eċċezzjoni *tiġi* applikata, ma tiġix biss sorpriża, b'dak li jkun ġara, imma – dak li huwa gravament leżiv għall-prinċipju fundamentali tal-ġustizzja – tiġi pprivata mill-possibilità li tikkumbatti dik l-eċċ*ezzjoni*. Il-Qorti *tkun* qed tikser bl-aktar mod pależi il-prinċipju ta' *"audi alteram partem"*. U mhux biss, ma tkunx **tista'** tisma' l-parti l-oħra, għaliex, tkun qed *tikser* ukoll *prinċipju ieħor* tal-Ġustizzja *li* huwa *"nemo judex in causa propria"* għaliex naturalment il-Qorti tkun tissolleva eċċezzjoni **hija** u tiddeċidiha **hija** stess;

Dan l-eżerċizzju ħażin, infatti, billi jikser dawn iż-żewġ prinċipji, kull meta jiġi pprattikat, inevitabbilment u inkonxjament iġib dejjem konsegwenzi deġenerattivi tal-ġustizzja proċedurali. L-eżempji huma abbundanti u kull operatur fil-

kamp ġuridiku għandu esperjenza tagħhom. Kif ġara f'dan il-każ, fejn il-Qorti tissolleva eċċezzjoni u tiddeċidiha mingħajr ma semgħet il-provi li – *se mai* – setgħu juru għandhiex raġun jew le, *m'humiex diffiċli, fir-realtà, li l-Qorti tasal, biex timxi* b'dan il-mod għaliex la darba tħossha fil-libertà li tissolleva eċċezzjonijiet li l-partijiet lanqas biss ikunu ħasbu fihom, la darba tissolleva, dan tagħmlu għaliex tkun konvinta minnu, u allura, l-pass huwa qasir ħafna – biex **onestament** dik il-konvinzjoni, ma tippermettix li jsiru provi ta' ħaġa li diġa hija konvinta minnha;

Kull meta l-liġi tobbliga lill-Qorti li tissolleva l-kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li jirrigwardaw ġeneralment id-dritt proċedurali jew organiżattiv, dawn ikunu diġa ċar biżżejjed biex jiġu *infatti* hekk sollevati u jkun diġà *"fuori discussione"*;

(ċ) Fil-każ preżenti l-problema ta' l-interess ġuridiku ma ġietx sollevata mill-konvenuti – **lanqas wara li ġiet sollevata mill-Qorti.** Anzi matul il-kawża kollha insistew fuq l-eċċezzjoni fil-mertu li avvanzaw mill-bidu nett;

(d) Għall-preċiżjoni għandu jingħad illi din il-Qorti meta ssollevat l-eċċezzjoni, dan għamlitu għaliex ħassitha li hija awtorizzata li tagħmel hekk, inkwantu l-karenza ta' interess *tolqot* il-kompetenza tal-Qorti u, presumibbilment, b'analoġija ma' dak li tesiġi l-liġi mingħand il-Qorti li tissolleva l-eċċezzjonijiet ta' kompetenza *"ex officio"*, dehrilha li għandha tagħmel l-istess. Imma dan mhux korrett. Il-kompetenza hija l-espressjoni ta' l-awtorità ta' l-Istat u hija regolata fuq prinċipji ta' ordni pubbliku, u dak li hemm provdut bil-liġijiet fir-rigward, huwa tassattiv. L-interess ġuridiku ma jissemiex bħala prinċipju ta' kompetenza.

L-interess ġuridiku jolqot id-dritt ta' **l-azzjoni** ta' suġġetti, tad-Dirtt u mhux il-poter jew l-awtorità tal-Qorti li tieħu konjizzjoni ta' kull dritt ta' azzjoni;

Għalhekk dik, li l-Qorti dehrilha, li hija ġustifikazzjoni li tissolleva eċċezzjoni li tolqot il-kompetenza tagħha, hija żbaljata.

5. Isegwi minn dan kollu li din il-Qorti mhix se tissolleva ebda eċċezzjoni ta' din in-natura u skond il-prinċipji tal-Ġustizzja Proċedurali se tikkunsidra biss dak li l-partijiet jesponulha;

6. Huwa naturali li l-Perit Ġudizzjarju segwa l-istess falsariga ta' l-interess ġuridiku ta' l-attur. Mhux biss, imma segwa ukoll l-ottika tal-Qorti li dak l-interess ġuridiku għandu jinstab jekk kemm-il darba l-attur qed jagħmel din il-kawża bħala l-ewwel talba ta' proċediment li jwasslu biex jagħmel kawża oħra. Imma anki hawn dan il-viżwali hija riduttiva għall-aħħar tal-konċett vast ta' l-interess ġuridiku li essenzjalment jikkomprendi l-ġamma kollha tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dritt. Il-Qorti fid-dawl ta' dak li ntqal mhix se teżamina dettaljatament din il-kwistjoni u biżżejjed jingħad illi kull delitt, bħal ma hija l-inġurija gravi kif jallega l-attur, huwa fonti ta' obbligazzjoni u għalhekk li tistabilixxi din l-obbligazzjoni permezz ta' l-azzjoni ċivili dikjaratorja tal-fatti, hija minnha nfisha investita b'dak l-interess li huwa kkwalifikat bħala ġuridiku inkwantu jappartieni għad-dinja ta' gius;

7. Fil-mertu tal-kawża; mill-bidu nett tal-kawża, il-konvenuti assumew il-verità ta' dak li l-attur allega fiċ-ċitazzjoni li kien qiegħed jingħad fuqu mill-konvenuti u oħrajn. Miż-żewġ teżijiet, naturalment, hija dik tal-konvenuti li tista' tiġi ppruvata

għaliex it-teżi ta' l-attur hija sempliċi negattiva tagħha. U mill-provi kollha li hemm fil-proċess, ma jistax bl-ebda mod jingħad li hemm prova ċara u inkontrovertibbli, bl-esklużjoni ta' kull dubju raġjonevoli, li kien l-attur li kien qed jieħu l-istann mill-fabbrika li kienu jagħmlu minnha l-partijiet;

Mill-provi kollha miġbura jidher illi meta d-diretturi ħadu deċiżjoni prekawzjonali li m'għoġbitx lill-gwardjani li kienu jimpjegaw, wieħed minn dawn semma li kien jara lill-attur ħiereġ b'pakkett taħt dirgħajh, u fuq dan l-element – kważi uniku – d-diretturi abbandunaw l-ewwel deċiżjoni, ikkonkludew li l-attur huwa l-ħalliel, bidlu l-istatut soċjali u neħħew lill-attur minn direttur tas-soċjetà. L-attur dejjem insista li f'dak il-pakkett huwa kien qed jiġbor il-fdal tal-ħobż biex jagħlef il-fniek. Imma ma ġiex emnut. B'dan kollu, Michael Debono xehed illi l-ħaddiema qalulu li kienu jafu li l-attur kien jiġbor – fil-ħinijiet normali – il-laqx tal-ħobż. M'hemm xejn aktar minn hekk mill-provi kollha, pjuttost voluminużi, li nġabru fil-proċess. U fuq daqshekk il-Qorti ma tistax taċċetta l-eċċezzjoni tal-konvenuti li huma kienu b'xi mod ġustifikati anki sempliċiment li **jissuspettaw** li l-attur kien qed japproprja ruħu mill-istann jew li kellhom xi indizju serju li kellhom jaħsbu dak li ħasbu fuq l-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-attur ma ħax indebitament l-istann mill-fabbrika *Medcor Radiators Limited;*

Spejjeż għall-konvenuti.